**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA U ERBGĦIN**

**21 ta' APRIL, 2014**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**48.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 47***

48.1.1 Fir-rigward ta' punt 47.1.2 iċ-Chairperson Pierre Farrugia spjega lill-Kumitat Amministrattiv li kellu laqgħa mas-Sur Agius li għamel ir-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija f'Misraħ Santa Marija. F'din il-laqgħa kien preżenti biss il-Membru Joseph Caruana għalkemm kien infurmat kulħadd. Is-Sur Agius qal li l-istatwa qed tfarfar iż-żebgħa minn fuqha, minħabba li għadda ż-żmien. Hu ppropona li l-aħjar ħaġa li trid issir hu li jsir kanal żgħir madwar il-pedestal tal-istatwa, jintela' bil-qatran u wara jsir ix-xogħol meħtieġ fuq l-istatwa bħal – xkatlar tal-istatwa kollha b'sistema apposta, jiġi applikat trattament għal kontra il-moffa u l-umdita' u tinżebagħ bi trattament apposta. Jekk ma jsirx qatran madwar il-pedestal ix-xogħol li jsir fuq l-istatwa mhux ser ikun garantit. Ix-xogħol mingħajr il-qatran hu stmat €780 exc.Vat.

Kien hemm qbil li x-xogħol isir kollu bil-qatran b'kollox.

48.1.4 Il-minuti tas-seduta 47 ġew approvati.

***48.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson***

48.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia avża li l-Konferenza stampa tal-attivita' 'Żurrieq fl-imgħoddi' ser issir nhar il-Ħamis 25 ta' April, 2014 fl-10.00am. .

48.2.2 Kien hemm qbil unanimu li l-Kumitat Amministrattiv ma' jagħtix permess lill-Nassaba Bar biex jarma imwejjed u siġġijiet barra minħabba l-attivita'. Kien hemm qbil li l-wardens preżenti jkunu nfurmati b'dan.

48.2.3 Għal din is-seduta kienu preżenti tliet rappreżentanti mil-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria li ser jorganizzaw l-attivita' 'Żrieraq fl-Imgħoddi' flimkien mal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

Is-Sinjura Tania Bartolo f'isem l-għaqda infurmat li fl-attivita' ser ikun hemm:

- Feature fuq iż-Żurrieq fl-imgħoddi (storja taż-Żurrieq anke fi żmien il-gwerra)
- artiġjanat
- snajja Maltija
- Bejgħ tal-ħut, inċova, imqaret, ġelati u sfineġ
- Bejgħ ta' platt malti li ser ikun hemm inkluż froġa tat-tarja, pulpetti tal-gambli u imbid malti.
- Daqqaqa, għannejja u l-grupp Greenfields
- Il-banda tal-Għaqda Karmelitana
- Ritratti antiki mingħand is-Superjur Guzi Sammut
- Logħob tradizzjonali għat-tfal
- Persuna taħdem ix-xbiek u n-nases
- Il-preżentaturi ser ikunu Joe d-Dulli u Veronca.

Kull min ser jieħu sehem ser ikun liebes ilbies tradizzjonali malti.

48.2.4 Kien hemm qbil li tintbagħat ittra bieb bieb lir-residenti ta' Misraħ Santa Marija biex ikunu nfurmati bl-attivita' u biex ma jħallux vetturi pparkjati waqt l-attivita'.

Kien hemm qbil li t-tindif u t-tankijiet tal-iskart jagħmilhom Gejtu Galea bil-prezz maqbul miegħu ta' €200.

48.2.5 Kien hemm qbil li tinkiteb email lid-Dipartiment fejn jiġu mistoqsija x'jiġri mill-fondi jekk tagħmel ix-xita u l-attivita' ma ssirx.

### *48.3 Imenti u Suġġerimenti*

48.3.1 Tressaq ilment fuq bankina li għandha bżonn manutenzjoni quddiem dar 'Redeemer' Triq Ta' Ciantar. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

48.3.2 Il-Membru Joseph D'Amato qal li fis-*central strip* fi Triq San Martin hemm tabella ta' xiri ta' flats, jeħtieġ li tinqala.
Kien hemm qbil ukoll li jitneħħa l-ġebel li fiha l-istess *central strip* u jinżergħu xi fjuri.

### *48.4 Tislima u ringrazzjament fl-aħħar seduta*

48.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia rringrazzja lill-membri kollha tax-xogħol li għamlu f'din il-leġislatura li damet erba' snin.
Dawk preżenti rringrazzjaw u sellmu lill-xulxin.

Il-laqgħa intemmet b'dan il-punt fuq l-aġenda fis-7.30pm.

Konfermati, illum ___ ta' Mejju, 2014.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**